MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 65**

**It-Tnejn, 29 ta' Jannar 2024**

Saret il-laqgħa b' urġenza tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 29 ta' Jannar 2024 fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier

**Assenti:**
Is-sur Jonathan Ċefai – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

S.Borg

**Minuti;**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**65.1 Talba;**

65.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-5.30 ta' filgħaxija. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**65.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

65.2.1 Il-Kunsillier Jonathan Cefai bagħat emejl fejn talab sabiex jiġi skużat mill-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

**65.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

65.3.1 Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti għadhom ma tlestewx peress li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kienet indisposta.

**65.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

65.4.1 Għada kemm saret il-laqgħa tal-lokalità u m'attenda l-ebda resident;

65.4.2 Għandhom jiġu ordnati żewġ tabelli li jindikaw kif ser isir ix-xogħol tal-proġett ta' tisbieħ ta' taħt ir-*railing* bil-*porfido*. Il-Kunsill qabel u ser isiru għand il-*Playpen*;

65.4.3 Inġabret kwotazzjoni sabiex tinxtara bandla għall-ammont ta' €2,360 (Vat inkluż) mingħand *Urban Furniture*. Il-Kunsill qabel;

65.4.4 Għandhom jinxtraw xtieli endemiċi Maltin għall-qsari li jinsabu fit-telgħa 'l isfel mill-Knisja. Il-Kunsill qabel;

65.4.5 Inxtraw tnax (12) il-lampa għall-fanali tat-toroq;



KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

65.4.6 Tqassmu 24 ikla fil-Milied lill-anzjani li jgħixu waħedhom. Dan sar mis-Sindku u l-kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia;

65.4.7 Saret il-ħarġa f'Malta fejn attendew 21 persuna fosthom is-Sindku fejn saret quddiesa fil-Kappella tal-Kunċizzjoni fl-inħawi ta' Wied Gerżuma r-Rabat, żjara s-Siġġiewi fl-okkażjoni tal-festa ta' San Nikola, Għar Lapsi, il-Mużew Wignacourt fir-Rabat fejn il-ħlas għad-dħul sar mill-Kunsill bħala inizjattiva kulturali għall-prezz ta' €100. Wara saret żjara fi stabbilimient kummerċjali. Saru ukoll il-ħarġiet f'Għawdex kif ukoll fi Sqallija li kienu success. Għall-ħarġa f'Għawdex kellna quddiesa fil-Bażilika Ta' Pinu u diversi nħawi tal-kampanja Għawdxija fosthom l-inħawi ta' Wied l-Għasri, tieqa ta' Wied il-Mielaħ u l-irdumijiet Tas-Sanap u l-Għadira ta' San Raflu u wara ikla f'Santa Luċija *Boutique Hotel* li ħallsu għaliha dawk li attendew 16 -il persuna fosthom is-Sindku Dwar iż-żjara fi Sqallija attendew 16 fosthom il-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia peress li s-Sindku kien indispost. Żaru Palermo, Erice, Trapani, Monreale/Monte Pellegrino u *shopping* ġewwa Centro Sicilia;

65.4.8 Jum il-Fontana sar b'suċċess, fejn wara li saret quddiesa ta' radd il-ħajr li għalija attendew is-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsilliera Horace Micallef u Carmel Farrugia kif ukoll l-Aġent Segretarju Eżekuttiv. Wara saru t-tqegħid ta' bukketti tal-fjuri mis-Sindku mal-Monument tas-Sajjieda u man-Niċċa tas-Salvatur, kif ukoll saret l-inawgurazzjoni mis-Sindku tal-irħama kommemorattiva fl-għeluq it-30 sena tal-Kunsill u tas-Sindki li servew sa llum u t-tisbieħ tas-Sala tal-Komunità. *Allegro Clefs* taw servizz eċċellenti għall-prezz ta' €450 fis-serata soċjo-kulturali li saret fis-Sala tal-Komunità li kienet ippreżentata minn Dame Marianne Zammit fejn fosthom sar messaġġ mis-Sindku u ġie ppreżentat il-Premju u l-Midalja ta' 'Ġieħ il-Fontana' lis-Sur Paul Galea. Is-serata ntemmet b'riċeviment;

65.4.9 Attenda għall-Pontifikal ta' Sant'Indrija u għall-kunċert 'Echo String Ensemble' li sar fil-knisja lejliet il-festa ta' Sant'Indrija fl-okkażjoni ta' 'Jum il-Fontana' li sar bejn JP2 Foundation u l-Kunsill Lokali li ħareġ għalih is-somma ta' €500. Kien hemm attendenza tajba ħafna;

65.4.10 Tqassmu l-avviżi biex jingħabar rispons għad-*Day Centre* u 19 -il persuna wieġbu li huma nteressati, għaldaqstant issuġġerixxa li jinxtraw iżjed imwejjed għas-sala għal dan il-għan. Il-Kunsill qabel;

65.4.11 Sar it-tiżjin tal-Milied fi Triq il-Għajn mill-Għaqda Armar Fontana u fit-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi minn Michael Bugeja.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

65.4.12 Ingħataw għall-bejgħ 5 kotba 'Il-Fontana u Ġrajjietha' lil 'Bookworm' u tħallsu l-ħamsa li kienu ngħataw qabel. Ingħataw ukoll 3 kotba lil ħanut 'Book and Art Shop' ta' Ġorġ Farrugia ta' Triq Vajringa;

65.4.13 Għandu jingħata rikonoxximent lis-Sinjura Maryanne Zammit għas-servizz tagħha bħala *compere* mingħajr ħlas f'Jum il-Fontana. Il-Kunsill qabel;

65.4.14 Il-pannelli nġabu lura u tħallas il-kont pendenti. Issa trid tinġabar stima sabiex issir il-*connection*. Il-Kunsill qabel;

65.4.15 Hemm il-ħtieġa li tinxtara x-xemgħa għan-niċċa tas-Salvatur. Il-Kunsill qabel;

65.4.16 Saru żewġ laqgħat mal-*Community Police* fejn ġew diskussi diversi temi;

65.4.17 Għandha tinstab persuna oħra biex jagħmel id-disinn tal-pedestall għall-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù peress li Michael Cutajar Zahra sa llum ma għamel xejn;

65.4.18 Saret preżentazzjoni ta' żewġ kotba lis-Sindku f'isem il-Kunsill mis-Sur Paul John Aquilina;

65.4.19 Il-*General Hand* ser jibda xogħol mal-Kunsill mill-1 ta' Frar 2024;

65.4.20 Il-laqgħa ta' Diċembru ma saritx peress li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kienet indisposta;

65.4.21 Ħarġet l-offerta tas-*CCTV Cameras*;

65.4.22 Is-siġra tal-Milied li ngħatat lill-Kunsill ser titħawwel fil-*Playing Field*;

65.4.23 Dwar ix-xiri ta' fanali ta' fuq iz-zuntier is-Sindku qal illi peress li l-offerta għalihom ħarġet tlett darbiet mingħajr suċċess, għandu jiġi kkunsidrat li jinxtraw *b'direct order*. Il-Kunsill qabel;

65.4.24 Il-Kunsill applika għar-rimbors tal-iskemi kollha li kien intitolat għalihom mir-Reġjun Għawdex. Intalbet is-somma ta' kważi €50,000. Sar ħafna xogħol fuq tali applikazzjonijiet biex dawn setgħu jinġabru fi żmien relattivament qasir;

65.4.25 Waslu l-għaxar (10) bankijiet li nxtraw għall-*Playing Field*. Għandha tintalab stima sabiex jitwaħħlu fil-post.



KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**65.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

65.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**65.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti;**

65.6.1 Ċirkulari AKL 2023/115 bis-suġġett 'Ejja Magħna Sa...'.

65.6.2 Ċirkulari AKL 2024/001 bis-suġġett 'EUCF – 6th Call Webinar – Agenda'.

65.6.3 Ċirkulari AKL 2024/002 bis-suġġett 'Seminar - Connecting Communities: Navigating the Communications Landscape in Collaboration with MCA'.

65.6.4 Ċirkulari AKL 2024/004 bis-suġġett Policy dwar 'Substance Misuse and Problem Gambling at the Place of Work'.

65.6.5 Ċirkulari AKL 2024/005 bis-suġġett 'RIGHTS Training'.

65.6.6 Ċirkulari AKL 2024/006 bis-suġġett 'EU Funding (Rural Roads) Information Session'.

65.6.7 Ċirkulari AKL 2024/007 bis-suġġett 'Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill ma qabilx li jħallas din l-assigurazzjoni.

65.6.8 Ċirkulari AKL 2024/008 bis-suġġett 'Personal Accident Policy'. Il-Kunsill qabel li jħallas din il-polza.

65.6.9 Ċirkulari AKL 2024/010 bis-suġġett 'Mental Health First Aid Training 2024'.

65.6.10 Korrispondenza mir-Reġjun Għawdex:

- Kopji tal-Minuti tar-Reġjun jiġu mgħoddija lill-Kunsilliera kollha sabiex kulħadd ikollu l-informazzjoni ta' x'inhu jiġri fir-Reġjun;
- Stedina għall-10 Summit Ewropew tar-Reġjuni u l-Bliet;
- Informazzjoni dwar RIGHTS *Training*;
- Korrispondenza dwar l-iskema dwar restawr li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali għadu kif ħareġ għall-Kunsilli b'dawk Għawdxin esklużi milli jipparteċipaw. Il-Ministeru għal Għawdex

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

u l-Ippjanar f'korrispondenza li bagħat informa lill-Kunsill illi ser ikun qed joħroġ skema simili;
- Tfakkira għas-sottomissjoni tar-rapporti finali tal-iskemi tar-Reġjun. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv diġa ssottomiet ir-rapport tal-iskema tal-Ambjent 2021 u qed taħdem fuq il-bqija.

65.6.11 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali:
- *Official Financial Thresholds* 2024-2025;
- *Contracts Circular No* 01/2024 (Award of Service Contracts and Pegged Rates 2024);
- Mistoqsija Parlamentari Nru. 14124 dwar Periti mal-Kunsilli Lokali;
- Mistoqsija Parlamentari Nru. 14299 dwar *Dog Parks* u *Cat Cafe's* fil-lokalitajiet;
- Ċirkulari Numru 22/2023 dwar Allokazzjoni Finanzjarja għall-2024;
- Ammont għas-sena 2024 – Onorarja u *Allowances* għall-Presidenti, Sindki u Kunsillieri;
- Gwida dwar l-irrekordjar tal-fondi mgħoddija mid-Diviżjoni lill-Kunsilli Reġjonali minflok lill-Kunsilli Lokali.

65.6.12 Korrispondenza mill-SPI fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2023 - Korsijiet *Lifelong Learning* 2024/2025 offruti mid-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabilità.

65.6.13 Korrispondenza mill-SPI fi ħdan id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar ġbir t'informazzjoni fuq il-proġetti li ġew imwettqa mill-Kunsilli Lokali. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tgħaddi din l-informazzjoni.

65.6.14 Korrispondenza mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali għal stedina tal-*press conference* li ser issir dwar l-iskemi li ser joħorġu mill-SPI fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

65.6.15 Korrispondenza mill-*Malta Crafts Foundation* bis-suġġett 'Ġieħ l-Artiġjanat Malti 2023'.

65.6.16 L-Awtorità tal-Ippjanar bagħtet korrispondenza dwar il-ħames edizzjoni tal-*Malta Architecture & Spatial Planning Awards* (MASP).

65.6.17 It-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar bagħat korrispondenza dwar appell fuq l-applikazzjoni PA/07354/22 fi Trejqet Wara l-Idjar.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

65.6.18 L-Awtorità tal-Ippjanar bagħtet korrispondenza bis-suġġett 'Local Plan for the area of Ħondoq ir-Rummien – Phase 2'.

65.6.19 Korrispondenza mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar id-*Development Planning Fund Project Reference* GS/S0007/2023. Il-Kunsill ġie mitlub jiġbor u jwaħħal it-tabella sabiex teħel fi Pjazza l-Għejjun li turi li l-proġett ġie ffinanzjat mill-*Planning Fund.*

65.6.20 Il-*Gozo Action Group* bagħtet *invoice* ta' €500 bħala *Contribution Fee* għall-parteċipazzjoni fil-*LAG Leader Programme Project* għas-sena 2024 flimkien ma' statement ta' kontijiet pendenti mis-sena 2019. Il-Kunsill ma qabilx illi dawn jitħallsu.

65.6.21 L-Uffiċċju Elettorali bagħtu korrispondenza dwar il-possibilità tal-użu tas-Sala tal-Komunità sabiex tintuża għall-elezzjonijiet tat-8 ta' Ġunju 2024, dan wara żjara li għamlet delegazzjoni mill-Kummissjoni Elettorali fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi jitlob is-somma ta' €1000 għal dan il-għan li jkun perjodu ta' ġimgħa peress li riċentament sar rinnovar ta' din is-sala u ntefqu ħafna flus biex seta sar dan.

65.6.22 Wasteserv għamlet il-*bank transfer* ta' €3,000 tal-premju li l-Kunsill kien rebaħ dwar is-separazzjoni tal-iskart, fejn kien ġie t-tieni minn Malta u Għawdex.

65.6.23 *The Malta Trust Foundation* bagħtet korrispondenza dwar kampanja b'risq il-persuni bi sfidi ta' saħħa mentali, residenti f'Dar il-Kantuniera. Il-Kunsill qabel illi jgħin f'din l-inizjattiva billi jixtri *toiletries* u *detergents*.

65.6.24 L-iskrivana M Muscat talbet kumpens lill-Kunsill tal-ħin żejjed li ħadmet matul is-snin 2022 u 2023. Hija spjegat li din is-sahra kienet dejjem meħtieġa minħabba x-xogħol li għamlet meta kienet l-uffiċċju waħedha u kif ukoll minħabba neċessitajiet oħra. Il-Kunsill qabel illi jieħu parir mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk is-Sinjura Muscat hix intitolata għal dan il-ħlas.

65.6.25 Il-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana bagħtu korrispondenza lill-Kunsill dwar permess għall-avveniment bl-isem 'Easter Drive Through 2024' li ser issir fil-25 u s-27 ta' Marzu fi Triq ix-Xlendi. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u ser jinforma lill-Kummissjoni sabiex tapplika mal-Kunsill għal permessi neċessarji.

65.6.26 Resident minn Triq il-Kappillan Ġużepp Hili lmenta mill-ħmieġ tal-klieb li qed ikun hemm. Hemm bżonn ukoll *patching*, kif ukoll ilmenta li spiss madwar erbà (4) karozzi bil-permess ta' Żona A jkunu pparkjati fl-istess

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

triq, bil-konsegwenza li residenti ma jsibux fejn jipparkjaw. Is-Sindku wieġeb illi mhux vera li qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb għaliex it-triq qed titnaddaf spiss u jgħaddi minn hemm kuljum, meta jkun hemm dan qed isir matul il-lejl meta jiġu mir-Rabat. Dwar l-ipparkjar ta' vetturi l-Kunsill qabel illi jkellem lill-Pulizija tal-Komunità.

65.6.27 Żgħażugħ residenti fil-Fontana talab sabiex jingħata rota tal-elettriku. Il-Kunsill qabel illi jiċċekkja x'kuntratt irid isir u l-assigurazzjoni.

65.6.28 Il-Pulizija tal-Komunità nfurmaw lill-Kunsill illi qed jiġu ċċekkjati tbajja taż-żejt fuq il-porfido minn vetturi wara l-Knisja u s'issa jidher li dan qed jiġi minn vetturi kummerċjali. Huma qed jinvestigaw u ser isiru aktar spezzjonijiet u jekk jirriżulta dan għandhom jiġu mitkellma s-sidien tal-vetturi.

65.6.29 Is-Sindku qal illi resident talab sabiex issir *CCTV Camera* in-naħa t'isfel ta' Wied Siekel u lest li joffri d-dawl. Il-Kunsill qabel.

**65.7 Aġġornament dwar il-proċess tal-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv;**

65.7.1 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat il-ħatra lil Ms. Nadia Gatt bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill. Id-Dipartiment bagħat ukoll ittra li għandha tiġi ffirmata mis-Sindku u mgħoddija lil HR Unit tad-Dipartiment;

65.7.2 Sadanittant Ms. Gatt irrifjutat din il-ħatra fejn minħabba ċirkustanzi mhux previsti ma tistax taċċetta din il-kariga;

65.7.3 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza fejn informa lill-Kunsill illi kien hemm żewġ kandidati oħra li ġew misjuba idonei u li ndikaw il-Kunsill Lokali tal-Fontana bħala l-preferenza tagħhom. Intbagħtu d-dettalji ta' dawn il-kandidati. Is-Sindku u l-Kunsillier Horace Micallef qalu li dan jikkonferma dak li qalu f'laqgħa preċedenti li la dawn iż-żewġ kandidati kienu wrew interess messhom intbagħtu għall-*interview* mal-ewwel sejħa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u ma kienx jintilef dan iż-żmien kollu. Il-Kunsill ġie mitlub jagħmel l-għażla tiegħu; u għaldaqstant bi qbil unanimu ġie maħtur il-Bord għall-ħatra tas-Segretarju Eżekuttiv li ser ikun kompost mill-istess membri li servew fil-Bord tal-ħatra tal-iskrivan tal-Kunsill.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

## 65.8 Baġit 2024 - Diskussjoni;

65.8.1 Saret diskussjoni dwar kif ser jitqassam il-baġit għas-sena 2024 fejn fost l-oħrajn ġew diskussi l-proġetti kapitali li jridu jitwettqu matul din is-sena;

65.8.2 Sa laqgħa oħra għandha titlesta l-verżjoni finali tal-baġit 2024 għall-approvazzjoni.

## 65.9 *Performance Bonus* 2023;

65.9.1 Is-Sindku ssuġġerixxa 8.5% bħala *Performance Bonus* għall-ex Segretarju Eżekuttiv Heidi Grech sat-28 t'April 2023 u għall-Aġent Segretarju Eżekuttiv minn Mejju sal-aħħar ta' Diċembru. Il-Viċi-Sindku pproponiet illi l-persentaġġ jitla għal 9%. Is-Sindku ma qabilx u astjena li jieħu deċiżjoni mill-għoti tal-*Performance Bonus* u ppropona li timlieħ hi la taf aktar minnu. Għaldaqstant il-Viċi-Sindku trid timla r-rapport relatat ma dan il-*Bonus*, hija rrifjutat li timlih u l-Kunsillier Horace Micallef qal illi jekk mhux ser timlih hi s-segretarji ser jibqgħu mingħajr flus. Hija qalet li lesta li tagħmlu kemm il-darba jgħinha xi ħadd. Wara l-astenzjoni tas-Sindku l-membri preżenti qablu illi jagħtu 8% lil ex-Segretarju Eżekuttiv u 9% lil Aġent Segretarju Eżekuttiv.

65.9.2 Dwar il-*Performance Bonus* tal-iskrivani ntqal illi jrid jimtela mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv u mill-ex Segretarju Eżekuttiv u ser jiġi vverifikat fuq liema applikazzjoni jrid jimtela, għaldaqstant ser jitressaq għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

## 65.10 Sitwazzjoni tal-proġetti tal-Kunsill;

65.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Perit Saliba ġab il-formola biex tiġi ffirmata minnu, minkejja li x-xogħol tal-*Playing Field* inbeda f'Awwissu 2023, ta' *change of architect* mill-Perit Gordon Vella fil-11 ta' Diċembru 2023 dwar il-proġett tal-bini tal-Kunsill u dak tal-*Playing Field*. Ix-xogħol tat-tqegħid tal-*porfido* beda l-Ħadd, 3 ta' Diċembru fil-festa ta' Sant'Indrija u tlesta bil-*grouting* il-Ħadd, 17 ta' Diċembru ftit jiem wara li l-Kunsill irċieva ittra mingħand il-kuntrattur bl-Avukat fejn qal li qed jistenna d-disinn mill-Kunsill u jrid isir il-*membrane*, meta kien diġa lest. Dan ix-xogħol sar mingħajr ma l-Kunsill ma pprovda l-ebda disinn għax ma kienx hemm għalfejn. Dwar il-proġett tal-*Playing Field* il-kuntrattur irid jirranġa l-ħsara li saret mal-faċċata tal-uffiċċju tal-Kunsill kif ukoll

KUNSILL LOKALI FONTANA

inaddaf il-*porfido* u parti miz-zuntier tal-Knisja mis-siment. Is-Sindku qal ukoll illi fuq parir tal-Avukat għandha tiġi mġedda l-garanzija mill-kuntrattur Mark Attard li ilha magħluqa mill-15 ta' Settembru 2023. Il-kont ippreżentat mill-Perit għal dan ix-xogħol għandu jiġi ċċertifikat minnu qabel ma jgħaddi għall-ħlas. Il-Perit għadu ma għamel xejn biex ikun jista jinbeda x-xogħol tal-bini tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi tintbagħat ittra lill-Perit sabiex fi żmien ġimgħa jagħti risposta jekk hux ser ikompli fuq dan il-proġett. Għandha tintalab ukoll laqgħa mal-kuntrattur li ser iwettaq dan il-proġett.

65.10.2 L-ittri li ġew deċiżi fil-laqgħa ta' Novembru li jintbagħtu lill-kuntrattur *Little Rock Quarry Limited* intbagħtu mill-Avukat tal-Kunsill fil-5 ta' Diċembru 2023.

65.10.3 Il-kuntratt sabiex jitwettaq il-proġett ta' porfido ta' taħt ir-*railing* ġie ffirmat u x-xogħol għandu jibda fil-ġranet li ġejjin mal-*Consortium* GTC JV.

65.10.4 Dwar ix-xogħol ta' restawr tal-istatwi l-Perit staqsiet jekk hemmx xi *template* partikolari li l-Kunsill juża għall-*call for quotations/tenders* sabiex tkun tista tifformola t-*technical specifications*. Il-Kunsill m'għandu l-ebda *template* partikolari. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie ffirmat it-tiġdid tal-ftehim mal-Kurja.

**65.11 Riżultat tal-*interview* għas-sejħa tal-post ta' skrivan mal-Kunsill;**

65.11.1 L-*interviews* għal post ta' Skrivan saru l-Erbgħa, 24 ta' Jannar 2024, quddiem il-bord ta' l-*interviews* magħmul minn George Refalo bħala *chairman*, Sindku Saviour Borg u l-Kunsillier Carmel Farrugia bħala membri tal-bord u Josianne Cassar bħala Segretarja;

65.11.2 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li għall-*interview* attenda kandidat wieħed, Jozèf Vella. Żewġ kandidati oħra li kien eleġibbli m'attendewx u ġew meqjusa bħala assenti;

65.11.3 Il-membri preżenti unanimament approvaw ir-rapport tal-bord u l-ħatra ta' Jozèf Vella bħala Skrivan.

**65.12 Ktieb ġdid dwar il-lokalità tal-Fontana miktub minn Dr. Mario Saliba;**

65.12.1 Saret laqgħa ma' Dr. Saliba dwar il-ktieb ġdid propost minnu. Dr. Saliba qal illi huwa ġab *sponsor* ta' €1000 mingħand Heritage Malta għal dan il-



KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

ktieb peró Heritage Malta trid 50 kopja meta jiġi ppubblikat u 100 publikazzjoni għal Dr. Saliba. Il-Kunsill ma qabilx ma l-i*sponsor* ta' Heritage Malta, għalhekk ser isir kollu mill-Kunsill;

65.12.2 Dr. Saliba ppreżenta kwotazzjoni ta' €1805.40 (Vat inkluż) mingħand Max Saliba Design sabiex jissettja dan il-ktieb u kwotazzjoni ta' €2,895 + 5% Vat mingħand A&M Printing Ltd. għall-istampar ta' 700 kopja tal-imsemmi ktieb. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi jiġbor kwotazzjonijiet ġodda li jkunu jinkludu d-disinn u l-ipprintjar sabiex ikun jista jiġi ppubblikat dan il-ktieb. Il-Viċi-Sindku astjeniet.

65.12.3 Sar qbil illi l-ktieb isir *hard bound* biex ikun aktar preżentabbli;

65.12.4 Il-Kunsill approva stima ta' €400 (Vat inkluż) tas-Sur Paul Falzon sabiex ritratti pprintjati jibdilhom f'dawk diġitali, xogħol ta' restawr diġitali ta 68 ritratt u jiddisinja l-*cover* tal-ktieb propost.

**65.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 50/2024 għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Diċembru 2023 u d-29 ta' Jannar 2024 li tammonta għal €64,670.69 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispejjeż relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xhur ta' Novembru, Diċembru u Jannar.

**65.14 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7.15pm u ġiet aġġornata għal ġurnata li ser tkun komunikata aktar 'l quddiem.

Konfermati, llum it-Tnejn, 22 t'April 2024.

Saviour Borg
Sindku

Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA